MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 2199/2002

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Philip Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta Settembru 2002 fejn l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta sitt mija u hames liri maltin disghin centemzu (Lm605.90) rapprezentanti hsara kkagonata f'underground low tension cable gewwa Mqabba Road cw Windmill Valley, Qrendi fis-16 ta Ottubru 2001.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-2 ta Ottubru 2002 fejn ikkontesta r-responsabbilita u kif ukoll il-kwantum tal-hsara.

Ra l-provi u d-dokumenti migjuba miz-zewg nahat.

Ikkunsidra;

Illi jirrizulta minghajr ebda dubbju illi l-hsara li giet kkagonata fil-provvista tad-dawl sehhet per konsegwenza tax-xoghol esekwit direttament mill-konvenut. Dwar dan issir referenza ghax-xhieda moghtija minn Joseph Formosa, minn PS 1448 Buttigieg u mir-rapport imhejji minnu Dok VB1 u kif ukoll mix-xhieda moghtija mill-istess konvenut. Lanqas ma jirrizulta li saret xi kontestazzjoni partikolari fuq il-provi migjuba minn Joseph Formosa rigwardanti l-valur tad-danni reklamati u dana tramite d-dokumenti minnu esebiti. Ili difatti l-kontestazzjoni tal-konvenut tidher li tinsab fil-fatt illi huwa qed jallega li mexa u esekwixxa x-xogholijiet in kwistjoni fuq struzzjonijiet u ndikazzjonijijet diretti  moghtija lilu mis-sindku tal-Lokal. Illi jidher li anke fuq dan il-fatt ma hemmx kontroversja, Fil-fatt l-istess sindku jikkonferma li kien hu li nkariga lill-konvenut biex ihaffer tliet toqob ghal bollards u li kien hu stess ukoll li ndikalu fejn itaqqab, u jzid jghid li tali xogholijiet kienu koperti bil-permess esebit Dok A cioe dak bin-numru 0314/01/0236.

Illi jigi rilevat pero li fl-ewwel lok ebda permess ma jista qatt itik id-dritt li tikkawza xi hsara lil haddiehor, se mai jkun biss okkorrendo trasferiment jew tqassim ta responsabbilita u fit-tieni lok jibqa l-fatt li kul persuna ghandu jigi meqjus f’ghajnejn il-ligi bhala responsabbli ghemilu sew jekk hi azzjoni u sew jekk tkun ommissjoni. Illi fil-kaz in ezami ghalhekk il-konvenut ma jistax ifarfar mir-responsabbilita fuq dak kawzat mill-azzjoni tieghu semplicement billi jallega li hu mexa fuq struzzjonijiet ta haddiehor partikolarment meta dak “il-haddiehor” ma hux parti u anqas ma gie msejjah bhala parti f’din il-kawza. Illi di piu jinghad ukoll li ghalkemm l-ezistenza o meno tal-permess ma tantx hija wisq rilevanti ghal dan il-kaz partikolari kif zvolga tajjeb li wiehed isemmi pero li d-

dokumenti esebiti mis-sindku huma Dok A li jitratta dwar applikazzjoni maghmula mill-kuntrattur Asfaltar Ltd (mhux mill-konvenut) – dwar resurfacing works (mhux thaffir) – u datat 11 ta April 2001 (meta x-xogholijiet saru f'Ottubru 2001) – filwaqt li Dok B huwa fotokopja ta allegat permess mhux awtentikata u bilkemm tinqara liema permess jidher li huwa mahrug fuq l-istess Asfaltar Ltd rigwardanti xogholijiet li kellhom isiru sal-15 ta Gunju 2001 gewwa toroq differenti minn dik in kwistjoni u inoltre liema permess jidher li mhux komplet.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut jilqa t-talba attrici u kwindi jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-Korporazzjoni Enemalta s-somma mitluba ta sitt mija u hames liri maltin u disghin centezmu (Lm605.90) bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta din is-sentenza u bl-ispejjes ta dina l-istanza lkoll kontra l-konvenut b'dan li ghandu jibqa npregudikat kwalsiasi dritt ta azzjoni li l-istess konvenut jista jvanta fil-konfront ta terzi meritu tal-kaz in ezami.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------